

Brussell, 6 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)

9943/25

ENT 91  
MI 360  
COMPET 495  
IND 174  
ENV 478  
TRANS 229  
AGRI 254  
DELECT 73

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

|                   |   |
|-------------------|---|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur   |
| data meta waslet: | 5 ta' Ġunju 2025  |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea  |
| Nru dok. Cion:    | C(2025) 3502 final  |
| Suġġett:          | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 5.6.2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jitqiesu l-iżviluppi regolatorji li jikkonċernaw l-emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 25, 34 79, 100, 117, 127 u 152, u r-Regolamenti l-ġodda tan-NU Nri 167, 169 u 171 adottati mill-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 3502 final.

Mehmuż: C(2025) 3502 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.6.2025  
C(2025) 3502 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'5.6.2025**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex  
jitqiesu l-iżviluppi regolatorji li jikkonċernaw l-emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 25,  
34 79, 100, 117, 127 u 152, u r-Regolamenti l-ġodda tan-NU Nri 167, 169 u 171 adottati  
mill-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni  
Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Dan ir-Regolament għandu l-għan li jqis l-aħħar żviluppi tekniċi u regolatorji fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP.29) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE). F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-lista tar-Regolamenti tan-NU msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tinsab fl-Anness I ta' dak ir-Regolament tiġi aġġornata billi tinkludi referenzi għal Regolamenti ġodda tan-NU u għal serje ġdida rilevanti ta' emendi tar-Regolamenti tan-NU eżistenti, li japplikaw fuq bażi obbligatorja għall-fini tal-għoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE.

Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2144, li fih il-lista ta' rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 4(5) u fl-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament, jiġi kkomplementat b'referenzi għall-atti regolatorji, adottati skont dak ir-Regolament wara l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tiegħu. B'mod partikolari, hija meħtieġa referenza għall-atti regolatorji fir-rigward tas-Sistema Avanzata ta' Twissija dwar id-Distrazzjoni tas-Sewwieq, il-Viżjoni Diretta għat-trakkijiet u għall-karozzi tal-linja u s-Sistemi ta' Assistenza fil-Kontroll għas-Sewwieq.

Għalhekk, l-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2019/2144 huma emendati f'konformità mal-Annessi ta' dan ir-Regolament.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Fit-tħejjija ta' dan l-att, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni xierqa mal-esperti tal-Istati Membri fit-2 ta' Lulju u fl-4 ta' Diċembru 2024, u l-abbozz ġie appoġġat b'mod wiesa'. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri approvaw l-abbozz tal-att matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri (MSEG, Member States Expert Group) li saret fis-6 ta' Mejju 2025.

F'konformità mar-regoli dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar, l-abbozz tal-att delegat ġie ppubblikat fuq il-portal "Semma' leħnek" għal perjodu ta' feedback bejn l-10 ta' Diċembru 2024 u s-7 ta' Jannar 2025. B'kollox, ħames partijiet ikkonċernati pprovdew feedback. Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-kummenti kollha li waslulha u ħadet nota tagħhom.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

Il-bażi legali ta' dan l-att delegat hija l-Artikolu 4(3) u (6) tar-Regolament (UE) 2019/2144.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'5.6.2025

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jitqiesu l-iżviluppi regolatorji li jikkonċernaw l-emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 25, 34 79, 100, 117, 127 u 152, u r-Regolamenti l-ġodda tan-NU Nri 167, 169 u 171 adottati mill-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) Nru 2015/166<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) u (6) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 jelenka, fost l-oħrajn, ir-Regolament tan-NU Nru 34<sup>2</sup>ir-Regolament tan-NU Nru 79<sup>3</sup>, ir-Regolament tan-NU Nru 100<sup>4</sup>, ir-Regolament tan-NU Nru 117<sup>5</sup>, ir-Regolament tan-NU Nru 127<sup>6</sup> u r-Regolament tan-

<sup>1</sup> ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj>.

<sup>2</sup> Ir-Regolament Nru 34 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskji tan-nar [2025/...] (ĠU L, 2025/..., ELI: ...) [*ir-referenza tal-ĠU trid tiddaħħal mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet*].

<sup>3</sup> Ir-Regolament Nru 79 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tat-tagħmir tal-istering [2025/3] (ĠU L, 2025/3, 10.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/3/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament Nru 100 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sistema tal-motopropulsjoni elettrika [2024/1955] (ĠU L, 2024/1955, 26.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1955/oj>).

<sup>5</sup> Ir-Regolament tan-NU Nru 117 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tajers fir-rigward tal-emissjonijiet tal-ħoss tad-dawrien u/jew tal-aderenza fuq superfiċi mxarrbin u/jew tar-reżistenza għad-

NU Nru 152<sup>7</sup>. Dawk ir-Regolamenti kollha ġew emendati mill-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (“WP.29 tan-NU/KEE”). Għalhekk jixraq li l-lista fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 tiġi aġġornata biex tirrifletti dawk l-emendi.

- (2) Is-serje ta’ emendi 02 tar-Regolament tan-NU Nru 152 fihom dispożizzjonijiet għas-sistema avvanzata ta’ bbrejkjar ta’ emerġenza biex tiġi evitata jew tittaffa s-severità ta’ impatt ma’ persuna bil-mixi u ma’ rota rispettivament. L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 jirreferi għall-verżjoni oriġinali ta’ dak ir-Regolament tan-NU li fih rekwiżiti għal sistema avvanzata ta’ bbrejkjar ta’ emerġenza biex tiġi evitata jew tittaffa l-kollizzjoni ma’ karozza tal-passiġġieri biss. Għalhekk, sabiex minbarra l-kollizzjonijiet bejn karozza u oħra jiġu koperti l-kollizzjonijiet bejn karozza u persuna bil-mixi u bejn karozza u rota, jixraq li fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 issir referenza għas-serje ta’ emendi 02 tar-Regolament tan-NU Nru 152.
- (3) Is-serje ta’ emendi 04 tar-Regolament tan-NU Nru 127 fihom dispożizzjonijiet għaż-żona mkabbra tal-impatt fuq ir-ras biex tittejjeb il-prestazzjoni tas-sikurezza tal-persuni bil-mixi tal-vetturi bil-mutur f’każ ta’ kollizzjoni. Peress li l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 jirreferi għas-serje ta’ emendi 02 ta’ dak ir-Regolament tan-NU, jeħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 jiġi aġġornat biex jirreferi għas-serje ta’ emendi 04 tar-Regolament tan-NU Nru 127.
- (4) Id-WP.29 tan-NU/KEE adotta wkoll: (1) ir-Regolament tan-NU Nru 167 — Dispożizzjonijiet Uniformi dwar l-Approvazzjoni tal-Vetturi bil-Mutur fir-rigward tal-Viżjoni Diretta tagħhom [2024/1065]<sup>8</sup>, (2) ir-Regolament tan-NU Nru 169 — Dispożizzjonijiet Uniformi li Jikkonċernaw l-Approvazzjoni tar-Reġistrazzjoni tad-Data f’Każ ta’ Avveniment (EDR, Event Data Recorders) għal Vetturi Heavy-Duty [2024/1218]<sup>9</sup> u (3) ir-Regolament tan-NU Nru 171 — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tas-Sistemi ta’ Assistenza fil-Kontroll għas-Sewwieq [2024/2689]<sup>10</sup>. Għalhekk jixraq li fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 jiddaħħlu referenzi għal dawk ir-Regolamenti.
- (5) Is-serje ta’ emendi 04 tar-Regolament tan-NU Nru 117 fihom dispożizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tajers fir-rigward tal-aderenza tagħhom fuq superfiċi mxarrbin meta jkunu ttiokli. Jixraq li jingħata żmien addizzjonali biex il-vetturi li jkunu għadhom

---

dawrien [2024/...] (ĠU L, 2024/..., ELI: ...) [*ir-referenza tal-ĠU trid tiddaħħal mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet*].

<sup>6</sup> Ir-Regolament NU Nru 127 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur fir-rigward tal-prestazzjoni tas-sikurezza tagħhom għall-persuni bil-mixi [2025/460] (ĠU L, 2025/460, 17.3.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/460/oj>).

<sup>7</sup> Ir-Regolament Nru 152 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tas-Sistema Avvanzata għal Ibbrejkjar f’Emerġenza (AEBS) għall-vetturi M1 u N1 [2024/2497] (ĠU L 2024/2497, 27.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2497/oj>).

<sup>8</sup> Ir-Regolament tan-NU Nru 167 — Dispożizzjonijiet Uniformi Li Jikkonċernaw l-Approvazzjoni tal-Vetturi bil-Mutur fir-rigward tal-Viżjoni Diretta tagħhom [2024/1065] (ĠU L, 2024/1065, 17.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1065/oj>).

<sup>9</sup> Ir-Regolament tan-NU Nru 169 — Dispożizzjonijiet Uniformi li Jikkonċernaw l-Approvazzjoni tar-Reġistrazzjoni tad-Data f’Każ ta’ Avveniment (EDR) għal Vetturi Heavy-Duty [2024/1218] (ĠU L, 2024/1218, 23.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1218/oj>).

<sup>10</sup> Ir-Regolament tan-NU Nru 171 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta’ vetturi fir-rigward tas-Sistemi ta’ Assistenza fil-Kontroll għas-Sewwieq [2024/2689] (ĠU L, 2024/2689, 4.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2689/oj>).

jintużaw jibqgħu jitħallew jiġu mgħammra b'tajers ġodda approvati bħala konformi mas-serje ta' emendi 02 u 03 rispettivament tar-Regolament tan-NU Nru 117 sas-6 ta' Jannar 2029.

- (6) Fil-192 sessjoni tad-WP.29 tan-NU/KEE f'Marzu 2024, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha vvutaw favur ir-Regolament il-ġdid tan-NU dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tas-sistemi ta' assistenza fil-kontroll għas-sewwieq. Sabiex il-vetturi bil-mutur mgħammra b'dawk is-sistemi jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament tan-NU, jeħtieġ li tiġi inkluża r-referenza għar-Regolament tan-NU Nru 171 fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2144 li jenħtieġ li tapplika fuq bażi "*jekk mgħammra*".
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/2144 jiġi emendat kif xieraq,  
ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi tar-Regolament (UE) 2019/2144**

L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2019/2144 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5.6.2025

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*